MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 514/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Busuttil**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Busuttil talli fid-9 ta' Settembru 2010 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofshinhar (14.45hrs), gewwa l-istabbiliment Munchies li jinsab fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, bhala l-*licensee* ta' l-imsemmi stabbiliment, immanifattura, importa, zamm u/jew ipprovda makna tal-loghob ghall-uzu gewwa Munchies liema fond m'ghandux licenzja bhala casino mill-awtorita` kompetenti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l- Artikoli 7(1) u 67(1) tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi David Busuttil hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u lliberatu minnha;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-15 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-imsemmi David Busuttil hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Skond l-Avukat Generali, mill-affidavit ta' W.P.S. 254 J. Giordmaina jirrizulta li marret fl-istabbiliment Munchies u sabet lil certu Atef Boubs jilghab fuq magna tal-loghob, li dan Atef Boubs ikkonferma li kien jitfa' l-flus fil-magna u meta jirbah kien jiehu l-flus minghand il-persuna responsabbli mill-bar, cioe` l-appellat, u li Joseph Falzon ikkonferma li l-magna in kwistjoni kienet *"gaming device"*.

**6.** Id-difiza, pero`, eccepiet illi l-proceduri li ttiehdu kontra l-appellat huma monki peress illi huwa nieqes id-dokument li jrid johrog l-Avukat Generali sabiex isiru dawn il-proceduri.

**7.** Issa, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 74 tal-Kap. 438 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qorti kompetenti li tittratta u tiddeciedi reati kontra dak l-Att (Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor) jew xi regolamenti maghmulin tahtu, hija l-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni kriminali taghha. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 74 imsemmi, pero`, imbaghad jipprovdi:

**"Ebda procedimenti ghal xi reat kontra dan l-Att jew xi regolamenti maghmulin tahtu m'ghandhom jinbdew minghajr is-sanzjoni ta' l-Avukat Generali"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**8.** Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u huwa evidenti n-nuqqas ta' xi dokument u ta' kwalunkwe prova li juru li l-Avukat Generali ta s-sanzjoni tieghu skond il-ligi sabiex jinbdew procedimenti kontra l-appellat. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-eccezzjoni mqajma mid-difiza hi gustifikata.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tiddikjara l-procediment mehud kontra l-imsemmi David Busuttil bhala null u bla effett.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------